MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Numru 73/2006

**Il-Pulizija**

**Spettur Daniel Zammit**

**V**

**VIOLET DEBATTISTA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **VIOLET DEBATTISTA**, ta' tmienja w hamsin sena, bint Anthyony u Giovanna nee Galea, imwielda Rahal nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 1947 u residenti 67, 'Sunrise', Triq A.M. Valperga, Fgura, detentrici tal-karta tal-identita numru 112947M giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

1. Fit-tnax ta' Dicembru 2005 ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghodu gewwa Tas Sliema u gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommettiet

serq minn gewwa l-fond maghruf bl-isem ta' "BHS" sitwat fi Triq x-Xatt, Sliema ghad-dannu tas-sidien tal-istess hanut, liema serq jeccedi l-ghaxar liri maltin izda mhux l-mitt lira maltin;

2. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi kkommettiet serq minn gewwa l-fond maghruf bl-isem "Marks & Spencer" sitwat fi Triq ix-Xatt, Sliema ghad-dannu tas-sidien tal-istess hanut, liema serq huwa ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elef lira maltin;

3. Talli fit-tnax ta' Dicembru 2005, gewwa dawn l-Gzejjer, xjentement xtrat jew laqghet ghandha hwejjeg misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira maltin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbatax ta' Frar 2006 esibit fl-atti bhala dokument CSH 2 sabiex din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputata ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-ewwel ta' Marzu 2006 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputata nhar t-tnax ta' Dicembru 2005 esibita fl-atti bhala dokument CSH 3.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tal-ewwel ta' Marzu 2006.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha ftit taz-zmien biex jekk trid setghet terga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghha ghal akkuza fuq imsemmija giet

registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta u dana fil-prezenza tal-avukat difensur taghha.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputata, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputata ghandha tinstab hatja tal-akkuzi ammessi minnha stess, salv dik ta’ ricettazzjoni stante li din inghatat mill-Prosekuzzjoni bhala akkuza alternattiva ghal akkuza ta’serq.

Semghet lil Prosekuzzjoni tghid li l-imputata kkoperat bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha, li l-ammont ta’ serq kien wiehed *de minimis* u li r-res furtiva giet ritornata lil sidha legittimu.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputata esebita f’dawn l-atti bhala dokument CSH 1 minn fejn jirrizulta li din hija nadifa ghall-ahhar bla ebda reat registrat fuqha.

Illi ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli Artikoli 18, 261(c), 267, 279(a) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lill-imputata VIOLET DEBATTISTA hatja fuq ammissjoni taghha stess tal-akkuzi kollha moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront taghha, salv dik ta’ ricettazzjoni mill-liema akkuza qed tastjeni li tiehu konjizzjoni u tiddecidi li tilliberha bil-kundizzjoni li ma tghamilx reat iehor ghal perjodu ta’ tmintax [18] il-xahar mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputata u x'jigri jekk tonqos li tosservaha u l-imputata ddikjarat li fehmet ben tajjeb.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------